

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/320**tat-3 ta' Marzu 2016**

li temenda d-Deċiżjoni 2004/842/KE rigward l-implimentar ta' regolamentazzjoni li biha l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa li tappartjeni għal varjetajiet li għalihom għiet sottomessa applikazzjoni għad-dħul fil-katalogu nazzjonali ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli jew speċi veġetali

*(notifikata bid-dokument C(2016) 1221)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4a(2) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4a(2) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,

Billi:

- (1) id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/842/KE ⁽⁷⁾ tistipula r-regoli dwar it-tikketta uffiċjali tal-pakketti taż-żrieragħ ta' varjetajiet li għalihom tressqet applikazzjoni għad-dħul fil-katalogu nazzjonali ta' varjetajiet ta' speċijiet ta' pjanti agrikoli jew ħxejjex.
- (2) F'dawn l-aħħar snin instabu għadd ta' każijiet ta' użu qarrieqi ta' tikketti uffiċjali. Għalhekk jeħtieġ li tiżdied is-sigurtà tat-tikketti uffiċjali b'aġġornament mal-għarfien tekniku, biex jiġi żgurat li dawn il-prattiki frodulentli jiġu evitati. Minn din il-perspettiva, u biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirreġistraw u jikkontrollaw aħjar l-istampar, id-distribuzzjoni u l-użu ta' tikketti uffiċjali individwali mill-operaturi, u biex jiġu segwiti l-lottijiet taż-żrieragħ, is-sigurtà tat-tikketti uffiċjali għandha tiżdied bl-introduzzjoni ta' numru tas-serje assenjat uffiċjalment fuq dawk it-tikketti uffiċjali.
- (3) Din id-Deċiżjoni u d-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/317 ⁽⁸⁾ għandhom jibdew japplikaw mill-istess data biex ikun żgurat trattament ugwali rigward ir-rekwiżiti għall-utenti kollha tat-tikketti rilevanti. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' April 2017.

⁽¹⁾ ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66.⁽²⁾ ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66.⁽³⁾ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12.⁽⁴⁾ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33.⁽⁵⁾ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60.⁽⁶⁾ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/842/KE tal-1 ta' Diċembru 2004 rigward l-implimentar ta' regolamentazzjoni li biha l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa li tappartjeni għal varjetajiet li għalihom għiet sottomessa applikazzjoni għad-dħul fil-katalogu nazzjonali ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli jew speċi veġetali (ĠU L 362, 9.12.2004, p. 21).⁽⁸⁾ Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/317 tat-3 ta' Marzu 2016 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE dwar it-tikketta uffiċjali tal-pakketti taż-żerriegħa (Ara paġna 72 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2004/842/KE tiġi emendata skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda għad-Deċiżjoni 2004/842/KE

Fl-Artikolu 9(2) tad-Deċiżjoni 2004/842/KE, jiddaħħal il-paragrafu (aa) li ġej:

“(aa) in-numru tas-serje assenjat uffiċjalment.”.

Artikolu 2

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Artikolu 3

Data tal-applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' April 2017.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2016.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni